MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 9/2022 LM

**Maruska Sammut (K.I. nru. 182500L)**
*('l-appellanta')*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Lulju, 2022, numru 181/22 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Maruska Sammut (K.I. nru. 182500(L))** [minn issa 'l

quddiem 'l-appellata'], u ddikjara nulla d-deċiżjoni tal-appellant tal-5 ta' Lulju, 2022.

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw l-imsemmija deċiżjoni tal-appellant tal-5 ta' Lulju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tal-appellant'], fejn infurmaha:

> *"... li minn investigazzjoni li għamel id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ġie stabbilit li b'effett mid-9 ta' Ġunju 2021 int m'intix qed tifforma familja għal rasek, u/jew qed tabita fl-indirizz mogħti minnek lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Għaldaqstant jirriżulta li inti tħallast żejjed is-somma ta' €493.44 fl-*Allowance *tat-Tfal li rċevejt għall-perijodu bejn it-12.06.2021 u l-01.10.2021. Minħabba l-istess raġuni inti se tibda tirċievi l-*Allowance *tat-Tfal bir-rata minima ta' €8.66 fil-ġimgħa għal kull wild, sakemm inti tirregolarizza ruħek billi tinforma lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali dwar fejn u ma' min qed toqgħod fil-preżent.*
>
> *Minħabba l-istess raġuni u perijodu, tħallast żejjed ukoll €12.28 fis-Suppliment tal-*Allowance *tat-Tfal.*
>
> *Nixtieq ninfurmak li l-ħlas żejjed li sar lilek ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-*Allowance *tat-Tfal, u/jew xi benefiċċji oħra li inti tista' tirċievi minn dan id-Dipartiment."*

## Mertu

3. L-appellata appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru fid-29 ta' Lulju, 2021, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant. Insistiet li ma kienx ġie spjegat kif hija *"m'għadhiex tifforma familja għal rasha, u/jew li qed tabita fl-indirizz mogħti minnha",* u li hija kienet għadha toqgħod fl-indirizz li kienet tat lid-Dipartiment. Għalhekk ikkontendiet li d-deċiżjoni tal-appellant kienet infondata fil-fatt u fid-dritt.

4. L-appellant wieġeb fil-5 ta' Ottubru, 2021, fejn huwa spjega ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, fejn l-Ispetturi tiegħu kienu għamlu spezzjoni fid-dar tal-appellata fid-9 ta' Ġunju, 2021, filwaqt li sostna li d-deċiżjoni tiegħu kienet tajba u skont il-liġi, u għalhekk kellha tiġi kkonfermata mill-Arbitru.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidra***

*Fir-rapport ippreżentat mid-Dipartiment ġie spjegat illi l-investigazzjoni kien frott ta' spezzjoni li saret fl-indirizz 11 Flat 2 Triq Antonio Miruzzi Santa Venera minħabba rapport li kien daħal fuq omm l-appellanti ossija Amanda Sammut (295485M). F'din l-ispezzjoni li saret fid-9 ta' Ġunju 2021 ġie nutat li lanqas l-appellanti u uliedha jabitaw f'dan il-fond. Ir-rapport jgħid:*

- *L-persuni adulti li huma reġistrati li jgħixu fil-fond huma sitta; (1) Amanda Sammut u tlett uliedha Maya Sammut, Dilaya Sammut u Ryden Desira Sammut (2), Maya Sammut (3) Maruska Sammut u żewġ uliedha Ilyas Calleja Sammut, Elvira Xuereb (4) Tereża Sammut (5) Mario Sammut u (6) Jessica Sammut.*
- *Fl-ispezzjoni li saret fid-9 ta' Ġunju 2021 l-Ispetturi gew milqugħa minn Tereża Zammut omm Amanda Sammut, li skont ommha kienet ix-xogħol.*
- *Fuq domandi tal-Ispetturi, Tereża Sammut iddikjarat li fil-fond kienu jgħixu hi, ir-raġel, Jessica u Amanda bit-tfal.*
- *Kif ġiet infurmata li ser isir spezzjoni ġewwa l-appartament Tereża Sammut iddikjarat li hemm żewġt ikmamar tas-sodda u jirranġaw kif jistgħu.*
- *F'kamra tas-sodda waħda jorqdu Jessica u Amanda waqt li fil-kamra tas-sodda l-oħra jorqdu Tereża Sammut u żewġha.*
- *L-Ispetturi raw li fil-fond ma kien hemm ebda ħwejjeġ tat-tfal ta' Amanda. Tereża Sammut ma tat ebda spjegazzjoni dwar dan. Dwar il-ħwejjeġ ta'*

*Ryden l-ispjegazzjoni ta' Tereża Sammut kienet illi l-ħwejjeġ tneħħew billi ma kienux għadhom jiġuh.*

- *F'dan il-punt Tereża Sammut spjegat lill-Ispetturi illi Amanda kienet telqet minn dan il-fond u li sa fejn kienet taf hi Amanda kienet infurmat lid-Direttorat. Ma kinitx ilha wisq li telqet.*
- *Fir-rigward tal-appellanti Maruska Sammut u t-tfal tagħha Ilyas u Elvira ma kien hemm ebda evidenza tal-presenza tagħhom fil-fond. Fl-ebda ħin Tereża Sammut ma ndikat lill-Ispetturi li kien hemm ħwejjeġ fil-gallarija.*
- *Wara għamlu kuntatt telefoniku ma' Amanda Sammut (99280649) fejn fuq is-sitwazzjoni hi rrispondiet:* "ħeqq mela fejn triduni noqgħod, ha ttuni xi post tal-Gvern... u fuq kollox jien naħdem ta!".
- *Kuntatt ma' Maruska Sammut ma setgħax isir billi ma kellhom ebda dettalji telefoniċi tagħha.*
- *Appena daħlu lura l-uffiċċju rriżulta li Amanda Sammut marret l-uffiċċju distrettwali biex twaqqaf l-għajnuna soċjali* Tapered *dan minkejja li baqgħet issostni li hija tgħix ma' ommha.*
- *Fl-14 ta' Ġunju 2021 l-ispettorat kellhom konversazzjoni telefoniku ma' Maruska Sammut u spjegaw li m'humiex konvinti li hija tgħix fuq bażi permanenti fl-indirizz indikat minnha. Ir-risposta tagħha kienet "ħeqq fejn tridni ngħix!".*
- *Baqgħet tinsisti li ma rieditx twaqqaf l-għajnuna soċjali anzi riedet iżżidu.*

*L-appellanti spjegat li fil-fond in kwistjoni kien hemm nuqqas ta' spazju u li jpoġġu l-affarijiet fil-kurutur. Dikinhar tal-ispezzjoni n-nanna tagħha (Tereża) kienet qed tiżboh u allura l-affarijiet tat-tfal tagħha kienu fil-gallarija. Kienu f'basktijiet tal-LIDL. Stqarret li għexet hemm sa Awwissu 2020 u f'Novembru daħlet f'Merħba Bik. Huwa minnu li l-post huwa żgħir iżda b'li ghandhom jgħixu.*

***Konklużjonijiet***

*Dan l-appell huwa fir-rigward kif ingħad tad-Deċiżjoni tad-Direttur illi l-appellanti ma kienitx għadha intitolata għal għajnuna billi ma kienx sodisfatt li l-appellanti kienet qed tifforma familja għal rasha jew li kienet qed tabita fl-indirizz mogħti minnha.*

*Il-fatti ta' dan l-appell huma effetivament sempliċi. Huwa ċar li l-appellanti ma kienitx qed tgħix fil-fond in mertu almenu għal parti mill-perijodu in mertu – u dana* ex admissis. *Fl-appell tagħha l-appellanti ddikjarat illi l-fatt li ma kienitx qed tgħix*

*fejn kien minnha dikjarat kien minħabba l-fatt li kellha tmur tgħix għal ħames xhur f'xelter minħabba vjolenza domestika. Importanti hawn it-*timeline*:*

*i. Appellant stess iddikjarat li għexet fil-post indikat sa Awwissu 2020 u f'Novembru marret tgħix ġo xelter.*

*ii. F'Ġunju 2021 l-Ispetturi għamlu żjara u kkonfermaw dak li ddikjarat l-appellanti ossia li ma kienitx qed tgħix fil-fond in kwistjoni.*

*Prova dwar meta effettivament daħlet fix-xelter ma ngħatatx – u ċertament saż-żmien tal-ispezzjoni l-appellanti baqgħet ma tgħix fil-fond de quo.*

*L-Arbitru però mhux sodisfatt li jeżistu l-estremi li kienu jwassalu sabiex id-Direttur jitlob ir-radd lura tal-għajnuna soċjali mħallsa.*

*Tenut kont ta' dawn il-fatti u liġi l-appell huwa milqugħ u d-deċiżjoni tad-Direttur tal-5 ta' Lulju 2021 fejn intalab ir-radd lura tal-ammonti ta' €493.44 u €12.28 huwa b'hekk dikjarat null u bla effett."*

## **L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-7 ta' Settembru, 2022, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju, 2021, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellata. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) id-deċiżjoni appellata hija nulla *ai termini* tal-artikolu 790 tal-Kap. 12; (b) l-Arbitru naqas milli japprezza tajjeb il-provi li tressqu quddiemu; u (ċ) l-Arbitru naqas milli japplika korrettement id-disposizzjonijiet tal-Kap. 318.

7. L-appellata wieġbet fit-3 ta' Ottubru, 2022, fejn issottomettiet li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi li qiegħed iressaq l-appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata, u s-sottomissjonijiet tal-appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[id-deċiżjoni appellata hija nulla ai termini tal-artikolu 790 tal-Kap. 12]*

9. L-appellant jistqarr li l-ewwel aggravju tiegħu jistrieħ fuq id-disposizzjonijiet tal-artikolu 790 tal-Kap. 12. Jispjega li d-deċiżjoni tiegħu ma kienitx dwar waqfien ta' benefiċċju, u għalhekk l-Arbitru kien skorrett meta ikkunsidra li *"l-appell huwa fir-rigward kif ingħad tad-Deċiżjoni tad-Direttur illi l-appellanti ma kienitx għadha intitolata għal għajnuna (...)".* Barra minn hekk, id-deċiżjoni tiegħu ma kienitx tirrigwarda l-għajnuna soċjali mħallsa, u għalhekk l-Arbitru ma setax jiddeċiedi li *"mhux sodisfatt li jeżistu l-estremi li kienu jwassalu sabiex id-Direttur jitlob ir-radd lura tal-**<u>għajnuna soċjali mħallsa</u>**".* L-appellat jirrileva wkoll li l-Arbitru naqas milli jiddeċiedi dwar id-deċiżjoni tiegħu li l-appellata kellha tibda tirċievi l-*Allowance tat-Tfal* bir-rata minima ta' €8.66 fil-ġimgħa għal kull wild, sakemm tirregolarizza ruħha.

10. L-appellata tirrileva li l-appellant naqas milli jikkunsidra l-ewwel deċiżjoni tiegħu stess li ma kienitx tirrigwarda l-*Allowance tat-Tfal,* iżda l-fatt li *"Id-Direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja għal rasek jew li qed tabita fl-indirizz mogħti minnek",* u għalhekk skont hu, hija kienet tħallset żejjed u *"...l-ammont ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-Allowance tat-Tfal u jew xi benefiċċji oħra li tista' tirċievi".* Tikkontendi li għalhekk it-tnaqqis fl-*Allowance* tat-Tfal

kien riżultat tal-fatt li hija kellha trodd lura l-flus lid-Dipartiment, u kien hawnhekk li l-Arbitru ddikjara li huwa mhuwiex sodisfatt li l-appellata għandha tintalab li trodd lura l-għajnuna mħallsa. L-appellata tissottometti li l-Arbitru ddeċieda l-każ skont l-ispirtu tal-liġi, u tiċċita s-subartikolu 108(10) tal-Kap. 318 in sostenn tal-argument tagħha.

11. Il-Qorti tikkunsidra li fl-appell tagħha quddiem l-Arbitru, l-appellata lmentat dwar il-fatt li *"...r-raġunijiet li ngħataw fid-deċiżjoni ma jilħqux it-tragward ta' 'duty to give reasons', u l-appellanta qiegħda f'posizzjoni li ma tistax tiddefendi lilha innifsha sew stante li ma ġiex spjegat b'liema mod m'għadhiex tifforma familja għal rasha, u/jew li qed tabita fl-indirizz mogħti minnha".* Barra minn hekk, hija tgħaddi sabiex tiddefendi ruħha billi tissottometti li għadha tirrisjedi fl-istess indirizz ġewwa 11, Flat 2, Triq Antonio Miruzzi Santa Venera, għajr għal xi perijodu ta' ħames xhur meta daħlet f'*shelter* għan-nisa li jkunu vittmi ta' vjolenza domestika. Għalhekk talbet sabiex titħassar id-deċiżjoni tal-appellant, u b'hekk tibqa' tirċievi l-*Allowance tat-Tfal* u s-Suppliment bl-istess rata.

12. L-Arbitru fid-deċiżjoni appellata qabel xejn ikkunsidra dak li kien jgħid ir-rapport tal-Ispetturi li kienu marru jagħmlu spezzjoni fid-9 ta' Ġunju, 2021 fejn skont huma kien irriżulta li l-appellata u wliedha ma kienux joqgħodu fl-indirizz mogħti lid-Dipartiment. Ikkunsidra li l-appellata kienet marret tgħix fix-*shelter* f'Novembru 2020, u f'Ġunju 2021 meta l-Ispetturi marru jżuruha, huma kkonfermaw li ma kienitx qiegħda tgħix fil-fond. Irrileva li ma saret l-ebda prova dwar meta hija kienet marret fix-*shelter,* iżda żgur sad-data li fiha saret l-ispezzjoni l-appellata ma kienitx qiegħda tgħix fil-fond. Għalhekk huwa ddikjara

li ma kienx sodisfatt *"...li jeżistu l-estremi li kienu jwasslu sabiex id-Direttur jitlob ir-radd lura tal-għajnuna soċjali mħallsa",* u ddikjara nulla d-deċiżjoni tal-appellat sabiex jintraddu lura l-ammont ta' €493.44 u €12.28.

13. Il-Qorti tagħraf li l-Arbitru hawnhekk tassew indirizza l-ilment tal-appellata. Huwa għaraf li l-kwistjoni odjerna tirrigwarda r-rifużjoni tal-ammonti rispettivi ta' €493.44 u €12.28, u proprju għalhekk iddikjara li *"...d-deċiżjoni tad-direttur tal-5 ta' Lulju 2021 fejn intalab ir-radd lura tal-ammonti ta' €493.44 u €12.28 huwa b'hekk dikjarat null u bla effett".*

14. Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant mhux ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: [l-Arbitru naqas milli japprezza tajjeb il-provi]*

15. L-appellant jispjega li l-investigazzjoni fil-konfront tal-appellata kienet infetħet wara spezzjoni li saret fl-indirizz indikat, sussegwenti għal rapport li daħal dwar omm l-istess appellata. Jirrileva li dakinhar tal-ispezzjoni fid-9 ta' Ġunju, 2021, l-Ispetturi kienu sabu lil Tereża Sammut, jiġifieri omm Amanda Sammut u għalhekk in-nanna tal-appellata, u dan flimkien ma' żewġha. Minn dak li kienet qaltilhom, u anki minn dak li kien ġie osservat, l-Ispetturi waslu għall-konklużjoni li l-appellata ma kienitx qiegħda tgħix hemmhekk flimkien mat-tfal tagħha. Jirrileva li quddiem l-Arbitru, l-appellata kienet stqarret li *'dejjem għexet hemm sa Awwissu 2020 u f'Novembru daħlet Merħba Bik",* u għalhekk din l-istqarrija tagħha tikkonferma l-allegazzjoni tad-Dipartiment li hija ma kienitx qiegħda tgħix fil-fond indikat bejn it-12 ta' Ġunju, 2021 u l-1 ta' Ottubru, 2021. L- appellant jgħid li għalhekk l-Arbitru żbalja meta kkunsidra li

*"l-appellanta ma kienitx qed tgħix fil-fond in mertu almenu għal parti mill-perijodu in mertu"*.

16. L-appellata tikkontendi li jekk tassew sar apprezzament żbaljat tal-provi, dan sar bi preġudizzju għaliha. Tispjega li hija kienet ġiet ordnata mill-appellant sabiex trodd lura l-ħlas tal-għajnuna li kienet ipperċepiet sal-1 ta' Ottubru, 2021 iżda dan permezz ta' deċiżjoni li kienet ġiet ikkomunikata lilha fil-5 ta' Lulju, 2021. Tikkontendi li għalkemm l-Arbitru ddikjara li hija ma kienitx qiegħda tirrisjedi fil-fond in kwistjoni, mill-ispjegazzjoni tagħha jirriżulta l-kuntrarju. Tkompli tgħid li hija kienet ikkomunikat mal-appellant sabiex tinformah li daħlet f'*shelter* għall-vittmi ta' vjolenza domestika, u kwalunkwe dubju seta' jkun fir-rigward tal-perijodu bejn Awwissu u Novembru 2020, sakemm hija kienet daħlet fl-imsemmi *shelter.* L-appellata tikkontendi li ċertament ma kien hemm l-ebda dubju dwar iż-żmien li fih kienet saret l-ispezzjoni f'Ġunju 2021, u d-data li fiha kienet ikkomunikata d-deċiżjoni f'Lulju 2021. Hija tgħid li taċċetta li l-appellant ma jistax jittolera abbużi, iżda l-każ odjern ma kienx tali. Tispjega li hija *single mother* b'żewġt itfal, u b'storja diffiċli ta' vjolenza domestika li wasslitha sabiex tmur issib refuġju f'*shelter.* L-appellata tgħid li llum hija qiegħda tirsisti sabiex tkun tista' tgħix għal darb'oħra indipendentement flimkien ma' wliedha.

17. Il-Qorti tikkunsidra li hawnhekk ukoll id-deċiżjoni appellata hija tajba. Tgħid li l-fatt li l-appellata kienet ġiet kostretta titlaq mill-fond in kwistjoni u tmur tgħix f'*shelter,* jagħti lok għal ċirkostanzi partikolari u temporanji, kif saħansitra tagħti x'tifhem l-appellata bir-raġun kollu fil-paragrafu ta' qabel l-aħħar tat-tweġiba tagħha. L-Arbitru fehem ukoll dan kollu, u għalhekk iddikjara

li fil-każ odjern ma jeżistux l-estremi li jagħtu lok għal talba ta' radd lura tal-għajnuna soċjali li tħallset lill-appellata.

18. Għaldaqstant il-Qorti ssib li dan l-aggravju ukoll mhux ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[l-Arbitru naqas li japplika korrettement id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318]*

19. L-appellant hawnhekk jilmenta li minkejja li l-Arbitru kkonstata li l-appellata ma kienitx qiegħda tirrisjedi fil-fond indikat mad-Dipartiment fil-perijodu in kwistjoni, huwa xorta waħda ddeċieda li *'mhux sodisfatt li jeżistu l-estremi li kienu jwassalu sabiex id-Direttur jitlob ir-radd lura tal-għajnuna soċjali mħallsa'.* L-appellant jilmenta li l-Arbitru hawnhekk naqas li jispjega liema kienu l-imsemmija estremi li ma kienux ġew sodisfatti, u jinsisti għal darb'oħra li l-benefiċċju tal-għajnuna soċjali ma kienx il-mertu tad-deċiżjoni tiegħu. Minn hawnhekk l-appellant spjega l-isfond legali wara d-deċiżjoni tiegħu. Jispjega li *ai termini* tal-para. (b) tas-subartikolu 97(1) tal-Kap. 318, kull applikant għandu l-obbligu li jinforma lid-Dipartiment bil-bidla fiċ-ċirkostanzi tiegħu, u fil-każ odjern l-appellata kienet tenuta li tinforma lid-Dipartiment bil-bidla fl-indirizz tar-residenza tagħha. Jgħid li dan naqset milli tagħmlu, u b'hekk kisret ir-rapport ta' fiduċja li hija kellha mad-Dipartiment. Dwar jekk persuna għandhiex titqies bħala l-kap ta' familja, jirrileva li din il-Qorti dejjem issenjalat li hemm numru ta' prinċipji fundamentali li għandhom jiġu kkunsidrati. Iżid jgħid li kull min jista' jintlaqat mid-deċiżjoni tiegħu, għandu joffri spjegazzjoni tajba a sodisfazzjoni tiegħu jew tal-Arbitru. Filwaqt li jiċċita d-disposizzjonijiet tal-artikolu 76 tal-Kap. 318 fir-rigward tad-dritt li titħallas *allowance* għal kull wild

f'kull familja, u anki dawk tal-ewwel paragrafu tat-Taqsima VII tat-Tieni Skeda u tat-tielet paragrafu tat-Taqsima VII tat-Tieni Skeda, jispjega li fil-każ odjern ġaladarba l-appellata kienet tirċievi l-Għajnuna Soċjali, hija tkun meqjusa li m'għandha l-ebda ntrojtu, u għalhekk il-liġi kienet tippermetti rata ogħla, u hija proprju din ir-rata ogħla li tagħha kienet qiegħda tintalab rifużjoni. Iżda jgħid li meta l-appellata tonqos li tikkomunika lid-Dipartiment xi bidla fiċ-ċirkostanzi ta' ħajjitha, id-Dipartiment jibqa' fil-għama mingħajr ma jista' jżomm monitoraġġ, u b'hekk ikun kawt mingħajr ma jieħu riskji. Jikkontendi li għalhekk fil-każ odjern l-Arbitru kien naqas milli japplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 318, kif ukoll il-prinċipji ta' ekwità u ġustizzja skont l-obbligu mpost fuqu *ai termini* tas-subartikolu 108(9) tal-istess liġi. Huwa mbagħad jiċċita dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Ġunju, 2006 fl-ismijiet **Servolo Sciberras *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, u jsostni li huwa mhuwiex f'pożizzjoni li jista' jħalli l-abbuż, u għaldaqstant l-Arbitru kien skorrett meta ddeċieda li *"d-deċiżjoni tad-Direttur tal-5 ta' Lulju 2021 fejn intalab ir-radd lura tal-ammonti ta' €493.44 u €12.28 huwa b'hekk dikjarat null u bla effett."*

20. Min-naħa tagħha, l-appellata filwaqt li tgħid li hija ma kisret l-ebda disposizzjoni tal-Kap. 318, tirrileva li l-istess disposizzjonijiet jagħtu diskrezzjoni lill-Arbitru sabiex jinterpreta sitwazzjonijiet differenti. Għalhekk tgħid li f'sitwazzjoni bħal dik odjerna, huwa importanti li l-Arbitru jagħti konsiderazzjoni xierqa għall-prinċipji ta' ġustizzja u ekwità, u dan partikolarment fejn bla dubju s-sitwazzjoni tixhed il-vulnerabilità.

21. Il-Qorti tagħraf li dan l-aħħar aggravju tal-appellant ikompli fuq ta' qablu, fejn din id-darba huwa qiegħed jinvoka d-disposizzjonijiet tal-Kap. 318 sabiex

jissostanzja l-pożizzjoni tiegħu. Iżda tqis li tassew id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 108(9) tal-Kap. 318 dwar kull kunsiderazzjoni li għandha tingħata mill-Arbitru għall-prinċipji tal-ġustizzja u ekwità, ġew tassew imħarsa fil-każ odjern. Kif irriteniet din il-Qorti iktar 'il fuq f'din is-sentenza, meta l-appellata sabet rifuġju f'*shelter* għal nisa soġġetti għal vjolazzjoni domestika, ċertament l-intenzjoni fil-bidla tar-residenza tagħha kienet waħda għal perijodu temporanju, sakemm kif tgħid hi, terġa' tqum fuq saqajha u tgħix ħajja indipendenti. Iżda lanqas ma jista' jingħad li l-appellata kellha ħjiel ta' kemm is-sitwazzjoni tagħha kienet ser tipperdura, u fi kwalunkwe każ il-ġustizzja u l-ekwità bla dubju jitolbu li hija ma kellhiex tiġi mċaħħda mir-rata l-aktar għolja ta' benefiċċju li setgħet tipperċepixxi f'sitwazzjoni xejn faċli għaliha.

22. Għaldaqstant il-Qorti tikkunsidra li l-aggravju tal-appellant mhux ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant, billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**